**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 181/18 AL

**AB**
u

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi il-partijiet izzewwgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru disa', zero, zero (900/2013) hawn anness u mmarkat bhala **Dok. JB1**;

Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona

Zammit Armeni fl-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) hawn anness u mmarkat bhala **Dok. JB2**;

Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn erba’ (4) snin;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment m’hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;

Illi m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta’ divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ April, 2018;

Rat illi z-zewg rikorrenti ikkonfermaw ir-rikors promotur taghhom bil-gurament;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-10 ta' Settembru 2016 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.